MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**SILVIO MELI**

Seduta tat-13 ta' Frar, 2014

Citazzjoni Numru. 16/2014

**Carta Converters Limited**
**(C-2650)**

**vs**

**Riviera Resort Limited**
**(C-23519)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur tas-socjeta` rikorrenti datat id-9 ta’ Jannar, 2014, li permezz tieghu sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1. Illi s-socjeta` rikorrenti bieghet u kkonsenjat merkanzija lis-socjeta` intimata fuq struzzjonijiet tal-istess socjeta` intimata;

1.2. Illi l-bilanc dovut mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti hu ta' tnax-il elf, erba' mija u tmenin Ewro u sbatax-il centezmu (€12,480.17);

1.3. Illi nonostante li interpellata, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti (ara fol 74);

1.4. Illi *di piu`* l-istess socjeta` intimata jirrizulta li ikkontestat l-ittra ufficjali mahruga *ai termini* tal-artiklu 166A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, (ara fol 77);

1.5. Illi ghalhekk is-socjeta` rikorrenti ma kellha l-ebda alternattiva hlief li tipprocedi bil-kawza odjerna;

1.6. Illi d-debitu tas-socjeta` intimata hu wiehed cert, likwidu u dovut, u konsegwentement din m'ghandiex eccezzjonijiet x'taghti fir-rigward;

1.7. Ghaldaqstant is-socjeta` rikorrenti aderiet din il-Qorti biex din:

1.7.1. Taqta' u tiddeciedi l-kawza odjerna bid-dispensa tas-smigh *ai termini* tal-precitat artiklu 167 *et sequitur* tal-Kap 12 fuq riferit;

1.7.2. Tiddikjara li s-socjeta` intimata hi debitrici ta' dik rikorrenti fis-somma ta' tnax-il elf, erba' mija u tmenin Ewro u sbatax-il centezmu, (€12,480.17);

1.7.3. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas lil dik rikorrenti l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti;

1.7.4. Tikkundanna lis-socjeta` intimata thallas l-imghaxijiet bl-oghola rata permessa mil-ligi fuq l-ammont minnha dovut, u dan, mid-data ta' li-*statement* fuq riferit sad-data tal-effettiv pagament;

1.7.5. Bl-ispejjez kif dedotti fl-istess rikors guramentat promotur.

2. Rat id-dokumenti esebiti;

3. Rat in-nota tas-socjeta` intimata datata l-5 ta' Frar, 2014, li permezz taghha ammettiet it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti fl-interezza taghhom;

**Ikkunsidrat;**

4.0. Illi in vista tal-ammissjoni totali tas-socjeta` intimata tqis li s-socjeta` rikorrenti ipprovat il-kaz taghha skond il-ligi, u konsegwentement, filwaqt li takkolji t-talbiet kollha tas-socjeta` rikorrenti;

4.1. Tordna li l-kawza odjerna tipprocedi bid-dispensa tas-smigh skond il-ligi;

4.2. Tiddikjara li s-socjeta` intimata Riviera Resort Limited hi debitrici tas-socjeta` rikorrenti Karta Converters Limited fl-ammont ta' tnax-il elf, erba' mija u tmenin Ewro u sbatax-il centezmu, (€12,480.17);

4.3. Tikkundanna lill-istess socjeta` intimata fuq indikata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti fuq ukoll indikata l-ammont likwidat fil-paragrafu precedenti, u dan, bl-imghaxijiet skond il-ligi mid-data tal-i*statement* relattiv;

4.4. Bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` intimata fuq riferita.

______________________

Onor. Imhallef Silvio Meli

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------